V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10822 – ARDIAN / TA ASSOCIATES / ODEALIM GROUP)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 319/06)

1. Fil-5 ta' Awwissu 2022 il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Ardian France SA ("Ardian", Franza),

— TA Associates Management L.P. ("TA Associates", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Groupe Odealim ("Odealim", Franza), ikkontrollat esklużivament minn TA Associates.

Ardian u TA Associates se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Odealim.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' titoli.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Ardian hija kumpanija ta' investiment privat li tiġġestixxi u/jew tagħti konsulenza lil assi fl-Ewropa, fl-Amerka ta' Fuq u fl-Asja,

— TA Associates hija kumpanija ta' investiment li tiġġestixxi u/jew tagħti konsulenza lil fondi ta' investiment f'ħames setturi prinċipali, jiġifieri fit-teknoloġija, fis-servizzi finanzjarji, fil-kura tas-saħħa, fl-oġġetti tal-konsum u fis-servizzi lill-intrapriżi fl-Amerka ta' Fuq, fl-Ewropa u fl-Asja.

— Odealim huwa esklużivament attiv fi Franza fl-assikurazzjonijiet u l-finanzjament fis-settur tal-proprjetà immobbli u tal-kostruzzjoni.

3. Wara analiżi preliminari, il-Kummissjoni ssib li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Dawn il-kummenti jeħtieġ li jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara id-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10822 – ARDIAN / TA ASSOCIATES / ODEALIM GROUP

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

Commission européenne
Direction générale de la concurrence
Greffe des concentrations
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË